# IR-RABA' PARTI
# QORTI TAL-KUMMERĊ

**9 ta' Jannar, 1989**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Nazzareno Galea

*versus*

Benedict *sive* Benny Camilleri

**Mandat – Data Ħażina tas-Sentenza – Revoka**

*Biex mandat jiġi esegwit validament id-data tas-sentenza li fuħqa jkun ibbażat il-mandat għandha tkun indikata preċiżament u korrettement. Fin-nuqqas il-mandat ikun irrevokat.*

*Anki jekk in-nuqqas ikun dovut għal sempliċi żball tal-pinna l-kawża għar-revoka ma hix waħda vessatorja.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta illi fit-12 ta' Lulju, 1985, il-konvenut talab li in esekuzzjoni ta' sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ ta' l-24 ta' Mejju, 1985, fil-kawża fl-ismijiet Benedict *sive* Benny Camilleri *vs* Nazzareno Galea jinħareġ Mandat ta' Qbid kontra l-attur; u premess illi fis-26 ta' Lulju, 1985, din il-Qorti laqgħet it-talba u fil-5 ta'

Awissu, 1985 dan il-mandat ta' qbid numru 1321/85 ġie esegwit kontra l-attur; premess illi bejn l-attur u l-konvenut ma hemm ebda sentenza mogħtija fl-24 ta' Mejju, 1985; l-istess attur talab illi din il-Qorti tirrevoka l-esekuzzjoni tal-mandat ta' qbid numru 1321/85 hawn fuq imsemmi u jiġu mwaqqfa l-atti sussegwenti billi dan il-mandat ta' qbid inħareġ in esekuzzjoni ta' sentenza ta' l-24 ta' Mejju, 1985 liema sentenza hija ineżistenti; bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa: illi l-ġudizzju mhux integru, għaliex f'din il-kawża għandu jkun parti wkoll ir-Reġistratur tal-Qrati Superjuri, għaliex il-mandat esekuttiv jinħareġ mir-Reġistratur fuq talba tal-kreditur. *Illi fil-mandat numru 1321/85 l-indikazzjoni* li s-sentenza ngħatat fl-24 ta' Mejju, 1985 kienet sempliċi żball tal-pinna, għaliex l-attur jaf tajjeb li s-sentenza ngħatat fl-24 ta' April, 1985, u huwa kien diġà beda jħallas akkonti in forza ta' l-istess sentenza. Għaldaqstant din l-azzjoni hija vessatorja u l-attur għandu jbati l-ispejjeż tagħha. Salvi wkoll eċċezzjonijiet oħra;

Semgħet lill-avukati u rat *l-atti l-oħra kollha tal-kawża;*

Ikkunsidrat:

Illi miċ-ċitazzjoni u l-eċċezzjoni jidher kompletament paċifiku bejn il-kontendenti illi l-konvenut odjern kien ġie kanonizzat kreditur ta' l-attur odjern in forza ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-24 ta' April, 1985. Jidher paċifiku

wkoll illi meta l-konvenut odjern għadda biex jitlob esekuzzjoni ta' l-imsemmija sentenza billi talab il-ħruġ ta' mandat ta' Qbid, huwa għamel żball fir-rikors tiegħu billi ndika skorrettement id-data tas-sentenza bħala li ġiet mogħtija fl-24 ta' Mejju, 1985. L-uffiċjal tal-Qorti li jikkollazzjona tali atti jidher li ma ttendiex b'dan l-iżball u konsegwentement il-Qorti laqgħet it-talba tal-konvenut odjern kif magħmula u l-mandat ta' Qbid ġie effettivament esegwit;

Illi biċ-ċitazzjoni odjerna l-attur qiegħed jitlob ir-revoka ta' l-esekuzzjoni tal-mandat ta' Qbid in kwistjoni (1321/85) u jiġu mwaqqfa l-atti sussegwenti billi dan il-mandat inħareġ a bażi ta' sentenza ineżistenti;

Illi l-konvenut jaċċetta illi fit-talba għall-ħruġ tal-mandat huwa bi svista u b'sempliċi żball tal-pinna indika skorrettement id-data tas-sentenza kif fuq intqal. Huwa żied jgħid li mat-talba msemmija ġiet esibita t-taxxa ta' l-ispejjeż tal-kawża in kwistjoni li fiha indikazzjoni korretta tas-sentenza li effettivament ingħatat kontra l-attur odjern li ħallas ukoll xi akkonti żgħar biex jissodisfa l-kreditu kanonizzat;

*Omissis;*

Illi din il-Qorti ma tara ebda utilità prattika li jiġi mħarrek ukoll ir-Reġistratur ta' dawn il-Qrati Superjuri in vista ta' kif svolġew ruħhom il-fatti u ċjoè li jidher paċifiku bejn il-kontendenti li l-konvenut odjern fir-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' Qbid esekuttiv indika skorrettement id-data tas-sentenza li tagħha kien qiegħed jitlob esekuzzjoni. Huwa veru illi l-uffiċjal adett biex jikkolazzjona l-atti simili ma ttendiex bl-iżball imsemmi u b'hekk din il-Qorti ġiet svijata meta laqgħet it-talba għall-ħruġ tal-

mandat rikjest, però *"rebus sic stantibus"* ma tidher ebda utilità prattika *li jitħarrek ukoll ir-Reġistratur għax dan il-fatt ma kienx* sejjer iżid xejn fl-andament tal-kawża. Ċertament kien biss iżid l-ispejjeż tal-kawża;

Illi fil-mertu, it-talba ta' l-attur għandha tintlaqa' għaliex biex mandat jiġi esegwit validament id-data tas-sentenza li fuqha jkun ibbażat il-mandat għandha tkun indikata preċiżament u korrettement – ħaġa li ma avveratx ruħha meta nħareġ u ġie esegwit il-mandat ta' Qbid numru 1321/85. B'hekk il-kawża ma hijiex xi kawża vessatorja;

*Omissis;*

Illi konsegwentement ladarba kien hemm nuqqas da parti taż-żewġ kontendenti huwa ekwu li jkun hemm temperament fil-kap ta' l-ispejjeż;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi prevja li tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, *tilqa' t-talba* ta' l-attur fil-mertu u tordna li l-ispejjeż tal-kawża jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti;

Filwaqt li tirriserva kull dritt ieħor spettanti lill-konvenut tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi nnotifikata lir-Reġistratur minnufih.